# F'SALIB IT-TOROQ



Fi triqtu lejn Ġeruslamm,
folla mdaqqsa laqgħet lil Ġesù b'tifħir:
Nies ixejru il-friegħi tal-palm;
oħrajn imiddu l-imnatar mal-art quddiemu;
ħafna jgħajjtu "*Hosanna lil Bin David*!"

Imma xi jridu fil-verità?
Iridu Sultan jew iridu is-Salib?
Iridu li tkun Triqthom jew it-Triq t'Alla ?

**It-Triq tal-bniedem …**
… kellu jirkeb żiemel abjad
… kellu jsir is-Sultan ta' Israel
… kellu jsalvahom mir-Rumani
… kellu jgħix ta' sultan
… aħna konna nibqgħu
mitlufa fi dnubietna!



**It-Triq ta' Alla …**
**… jirkeb ħmar**
**… isir il-qaddej umli**
**… isalvana lkoll mid-dnub u l-mewt**
**… imut minħabba d-dnub tad-dinja**
**… aħna niġu mifdija!**

U int liema triq trid tagħżel?
It-Triq tal-bniedem jew **It-Triq ta' Alla**?



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
KONVERŻJONI
TA' SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## BIEX KRISTU ĠESÙ JIRXOXTA FINA
## - Mistħija, Indiema, u Tama -

Waqt li f'dan ix-xahar, il-mixja liturġika twassalna biex niċċelebraw u niġġeddu fil-Misteru tal-Passjoni, l-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù, ejjew nieħdu spunt minn 3 kelmiet li l-Papa Franġisku, fit-talba li biha kkonkluda l-*Via Crucis* fil-Kolossew ta' Ruma, nhar il-Ġimgħa l-Kbira tas-sena li għaddiet (2018), offrilna biex nimmeditaw fuqhom sewwa:

***Mistħija***
Quddiem l-imħabba aħħarija ta' Ġesù li ingħata għalina, ejjew nimtlew bil-*Mistħija*:

- ladarba naħarbu quddiem il-prova minkejja li eluf ta' drabi ngħidulu: *"anki jekk jitilqek kulħadd, jien qatt mhu se nħallik waħdek";*
- ladarba nagħżlu lil Barabba u mhux lilu, il-poter, l-apparenza, l-alla flus u mhux lilu, il-mondanità u mhux l-eternità;
- ladarba nittantawh bil-fomm u b'qalbna kull darba li nsibu ruħna wiċċ imb'wiċċ mal-prova u ngħidulu: *"jekk int il-Messija, salva lilek innifsek u aħna nemmnu"*;
- ladarba tant persuni ħallew l-ambizzjonijiet u l-vanaglorja jqarrqu bihom u tilfu d-dinjità u l-ewwel imħabba tagħhom;
- ladarba l-ġenerazzjonijiet tagħna qed iħallu liż-żgħażagħ, wirt ta' dinja mkissra bil-firdiet u l-gwerer, dinja mmermra mill-egoiżmu fejn iż-żgħażagħ, iż-żgħar, il-morda, l-anzjani huma mogħtijin il-ġenb;
- ladarba qed nitilfu l-mistħija stess.

**Mulej Ġesù, agħtina dejjem**
**il-grazzja tal-mistħija qaddisa!**

***Indiema***
Quddiem Ġesù ħanin, fuq kollox bis-skiet tiegħu, ejjew nimtlew bl-*Indiema*:

- li tinbet miċ-ċertezza li Hu biss jista' jsalvana mill-ħsara, jfejjaqna mill-ġdim tal-mibegħda tagħna, mill-egoiżmu, mis-suppervja, mill-kilba, mill-vendetta, mir-regħba, mill-idolatrija, u jħaddanna mill-ġdid biex iroddilna lura d-dinjità ta' wlied u l-ferħ li rġajna lura lejn id-dar, lejn il-ħajja;
- li tinbet mill-għarfien taċ-ċokon tagħna, tax-xejn tagħna, u tħalli l-istedina ħelwa u qawwija tiegħu għall-konverżjoni, tmellisna;
- li tinbet mill-mistħija tagħna, li tinbet miċ-ċertezza li qalbna tibqa' dejjem bla sabar sakemm ma ssibx lilu bħala l-unika għajn tal-milja u tas-serenità;

- li bħal Pietru, xħin iltaqa' mal-ħarsa tiegħu, beka dmugħ jaħraq għax kien ċaħdu quddiem il-bnedmin.

**Mulej Ġesù, agħtina dejjem il-grazzja tal-indiema qaddisa!**

***Tama***

Quddiem Ġesù Sidna, fid-dalma tad-disperazzjoni tagħna, ejjew naraw li tixgħel fina x-xrara tat-*Tama* għax nafu li l-kejl waħdieni ta' mħabbtu lejna hu dak li jħobbna bla qies:

- sabiex il-messaġġ tiegħu ikompli jnebbaħ, illum ukoll, lil tant persuni u popli, u li t-tajjeb biss jista' jegħleb il-ħażen u l-kattiverja, il-maħfra biss tista' ġġarraf il-ħdura u l-vendetta, it-tgħannieqa fraterna biss tista' tegħleb l-ostilità u l-biża' mill-ieħor;
- sabiex is-sagrifiċċju tiegħu jkompli jnixxi l-fwieħa tal-imħabba divina li tmelles il-qlub ta' tant żgħażagħ li għadhom jikkonsagrawlek ħajjithom u jsiru dejjem aktar eżempji ħajjin ta' karità u gratwità f'din id-dinja tagħna mifnija mill-loġika tal-profitt u tal-qligħ faċli;
- sabiex tant missjunarji rġiel u nisa jkomplu, illum ukoll, jisfidaw il-kuxjenza rieqda tal-umanità biex bir-riskju ta' ħajjithom ikomplu jaqduh fil-foqra, fl-imwarrbin, fl-immigrati, f'min mhux fid-dieher, fl-isfruttati, f'min hu bil-ġuħ u fil-ħabsin;
- sabiex il-Knisja, qaddisa u magħmula mill-midinbin, illum ukoll, minkejja kull tentattiv biex tittellef il-fiduċja fiha, tkompli ddawwal, tinkoraġġixxi, terfa' u tagħti xhieda ta' mħabbtu bla qies lejn l-umanità, tkun mudell ta' altruwiżmu, arka ta' salvazzjoni u għajn ta' ċertezza u verità;
- għaliex mis-salib tiegħu, frott tar-regħba u l-ġjufija ta' tant dutturi tal-Liġi u ipokriti, feġġ il-Qawmien li bidel id-dlam tal-qabar fl-għamxa taż-żerniq tal-Ħadd bla għabex, u għallimna *li mħabbtu hi t-tama tagħna*.

**Mulej Ġesù, agħtina dejjem il-grazzja tat-tama qaddisa!**

**Għinna, Mulej Ġesù, biex b'għajnejn mimlijin mistħija, indiema u tama, imsieħba mal-fidi, f'dik li għalina l-bnedmin tidher telfa minħabba s-Salib, naslu nagħrfu r-Rebħa Divina tal-Qawmien tiegħek. Ammen.**



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Mattea Psaila

---- O ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Mikelanġ Zammit

***Nitolbu għalihom!***





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - April 2019

***It-Tnejn 1 ta' April* - L-Ewwel Qrara**
Fil-4:45pm - L-Ewwel Qrara fil-knisja parrokkjali.

***Mit-Tnejn 1 sal-Erbgħa 3 ta' April***
Filgħodu - **Eżerċizzi għat-Tfal tal-Iskola Primarja**

***It-Tlieta 2 u l-Ħamis 4 ta' April***
Mis-6:30pm sas-7:00pm - Quddiesa
Mis-7:00pm sas-7:30pm - *Eżerċizzi għal Kulħadd*

***Il-Ġimgħa 5 ta' April* -**
**L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u**
**Egħluq tal-Eżerċizzi għal Kulħadd**
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Mis-6:30pm sas-7:30pm -
Quddiesa u Adorazzjoni tas-Salib - Talb stil Taizé

***Il-Ħadd 7 ta' April* - JUM ĦAL SAFI**
**Il-Ħames Ħadd tar-Randan u**
**Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (421 sena)**
**nhar it-13/04/1598**
Fid-9:00am - Quddiesa bil-Preżentazzjoni tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Qrara u li qed jiġu ppreparati għall-Ewwel Tqarbina.
Fl-10:30am - Quddiesa ta' ringrazzjament mal-Kunsill Lokali.
Fil-11:30am - Il-Banda San Pawl tagħmel marċ.

***L-Erbgħa 10 ta' April***
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:15pm - Pellegrinaġġ is-Salib tal-Għolja, Siġġiewi

***Il-Ħamis 11 ta' April***
**Jum ir-Rikonċiljazzjoni:** *Ħin għall-Qrar*

***Filgħodu - Qabel u matul il-ħin tal-quddies.***
Mid-9:30am - Qrar għat-Tfal tal-Iskola Primarja
sal-11:00am Yrs 3,4,5,6

***Filgħaxija - Mill-5:00pm 'il quddiem.***
Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra mmexxija minn tal-MUSEUM.
Fis-6:30pm - Quddiesa.

***Il-Ġimgħa 12 ta' April***
**Festa Devozzjonali tad-Duluri**:
*Filgħodu:*- Mis-7:00am sas-7:30am - Qrar
Fis-7:30am - Quddiesa
*Filgħodu:*- Mill-4:30pm sat-8:00pm - Qrar
Fil-5:30pm - Quddiesa
Fis-6:30pm - Purċissjoni
Wara l-Purċissjoni - Quddiesa

***Il-Ħadd 14 ta' April***
**Ħadd il-Palm - Jum iż-Żgħażagħ**
Fid-8:45am - Nitilqu mill-knisja parrokkjali, u ninġabru fuq iz-zuntier ta' Santa Marija.
Fid-9:00am - Inbierku ż-żebbuġ u nagħtu bidu għall-Purċissjoni qasira lejn il-knisja.
Fid-9:15am - Inkomplu bil-quddiesa.

***It-Tnejn 15 ta' April***
Fis-7:30pm - *Via Sagra* fil-parroċċa tagħna animata mis-*Safi Drama Group*.

***L-Erbgħa 17 ta' April***
Fis-7:30pm - Via Sagra Nazzjonali mill-RTK.

***Il-Ħamis 18 ta' April* - Ħamis ix-Xirka**
Fit-7:30am - Talb flimkien fil-knisja parrokkjali:
sat-8:00am L-Uffiċċju tal-Qari u l-Lawdi.
Fid-9:00am - Quddiesa mal-Arċisqof fil-Konkatidral il-Belt Valletta, li fiha jitbierku ż-Żjut Imqaddsa u jiġġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali mill-qassisin.
Fil-5:00pm - Qrar
Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha jsir il-Ħasil tar-Riġlejn u jitfakkar it-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija.
Fit-8:30pm - Viżti animati.
Fl-10:00pm - Adorazzjoni animata mill-Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa.

***Il-Ġimgħa 19 ta' April* - Il-Ġimgħa l-Kbira**
Fis-7:00am - Viżti.
Fit-8:00am - L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum, animat mill-Kappillan u s-Sorijiet Dumnikani.
Fid-9:00am - Viżti animati mill-MUSEUM tal-Bniet.
Fl-10:00am - Viżti animati mill-MUSEUM tas-Subien.
Fil-11:00am - Ħin ta' skiet, ġabra u talb personali.
*Il-knisja tagħlaq f'12:00pm u tiftaħ fis-2:15 pm.*
Fis-2:30pm - Via Sagra.
Fit-3:00pm - Funzjoni tal-Passjoni tal-Mulej.

***Is-Sibt 20 ta' April* - Sibt il-Għid**
Fit-7:45am - Talb flimkien fil-knisja ta' Santa Marija:
sat-8:15am L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.
Fis-6:00pm - Qrar.
Fit-8:00pm - Funzjoni tal-Vġili tal-Għid bis-Sagrament tal-Magħmudija.

***Il-Ħadd 21 ta' April* - L-Għid il-Kbir**
Fis-6:45am - Quddiesa.
Fid-9:00am - Quddiesa u Tberik tal-Figolli.
Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.

***Il-Ħadd 28 ta' April* - It-Tieni Ħadd tal-Għid**
**- Festa tal-Ħniena Divina**
Fil-5:00pm - Adorazzjoni
Fis-6:00pm - Quddiesa tal-Ħniena Divina.

